2025/602

27.3.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/602

tal-5 ta' Novembru 2024

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' modifiki għall-Appendiċijiet 2, 2A u 5 tal-Anness II ta' dak il-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra [1] (il-"Ftehim") ġie ffirmat mill-Unjoni fis-26 ta' Ġunju 2012 f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/735/UE [2] fir-rigward tal-Kolombja u l-Perù, u fil-11 ta' Novembru 2016 f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2369 [3] fir-rigward tal-Ekwador. Skont l-Artikolu 330(3) tal-Ftehim, dan ilu jiġi applikat b'mod provviżorju mill-1 ta' Marzu 2013 bejn l-Unjoni u l-Perù, mill-1 ta' Awwissu 2013 bejn l-Unjoni u l-Kolombja, u mill-1 ta' Jannar 2017 bejn l-Unjoni u l-Ekwador.

(2) Skont l-Artikolu 13(2)(g)(iii) tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim (il-"Kumitat għall-Kummerċ") jista' jimmodifika r-regoli speċifiċi tal-oriġini stabbiliti fl-Anness II (Dwar id-Definizzjoni tal-Kunċett ta' "Prodotti Oriġinarji" u Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva) tal-Ftehim. Jenħtieġ li l-Appendiċi 2 (Lista ta' xogħol jew ipproċessar li huwa meħtieġ li jsir fuq materjali li mhumiex oriġinarji biex il-prodott manifatturat jikseb status oriġinarju), l-Appendiċi 2A (Addendum għal-lista ta' xogħol jew ipproċessar li huwa meħtieġ li jsir fuq materjali li mhumiex oriġinarji biex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb status oriġinarju) u l-Appendiċi 5 (Prodotti li għalihom japplika s-subparagrafu (b) tad-Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-Artikolu 5 fir-rigward tal-prodotti oriġinarji mill-Kolombja, l-Ekwador u l-Perù) tal-Anness II bħalissa huma bbażati fuq nomenklatura skont il-verżjonijiet tal-2012 u l-2017 tas-Sistema Armonizzata ("SA") irregolata mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni ta' Merkanzija [4], kif emendata.

(3) Il-Kumitat għall-Kummerċ, bil-proċedura bil-miktub, għandu jadotta deċiżjoni li timmodifika l-Appendiċijiet 2, 2A u 5 tal-Anness II biex jiġi allinjat il-kliem ta' ċerti kapitoli, intestaturi jew subintestaturi u biex jiġu adattati r-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott mal-verżjoni tas-SA tal-2022, li ġiet introdotta fl-1 ta' Jannar 2022. Għal raġunijiet ta' ċarezza, filwaqt li jitqies l-għadd ta' emendi li jeħtieġ li jsiru fl-Appendiċijiet, dawn jenħtieġ li jiġu sostitwiti fl-intier tagħhom.

(4) L-adozzjoni tad-Deċiżjoni mill-Kumitat għall-Kummerċ hija mistennija li sseħħ fir-raba' trimestru tal-2024.

(5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ, peress li d-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ ser ikollha effett legali fl-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[1] ĠU L 354, 21.12.2012, p. 3.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/735/UE tal-31 ta' Mejju 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja, tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra (ĠU L 354, 21.12.2012, p. 1).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2369 tal-11 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll tal-Adeżjoni mal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador (ĠU L 356, 24.12.2016, p. 1).

[4] ĠU L 198, 20.7.1987, p. 3.

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ għandha tissejjes fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

VARGA M.

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru… /2024 TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ STABBILIT MILL-FTEHIM KUMMERĊJALI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MINN NAĦA WAĦDA, U L-KOLOMBJA, IL-PERÙ U L-EKWADOR, MIN-NAĦA L-OĦRA,

ta' …

li timmodifika l-Appendiċi 2, 2A u 5 tal-Anness II ta' dak il-Ftehim

IL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tal-Anness II u l-punt (iii) tal-paragrafu 2 (g) tal-Artikolu 13 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 13(2)(g)(iii) tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, l-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra ([1]) (il-"Ftehim") u l-Artikolu 37 tal-Anness II tal-Ftehim jipprevedu li l-Kumitat għall-Kummerċ jista' jimmodifika dak l-Anness.

(2) L-Appendiċijiet attwali 2 (Lista ta' xogħol jew ipproċessar li huwa meħtieġ li jsir fuq materjali li mhumiex oriġinarji biex il-prodott manifatturat jikseb status oriġinarju), 2A (Addendum għal-lista ta' xogħol jew ipproċessar li huwa meħtieġ li jsir fuq materjali li mhumiex oriġinarji biex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb status oriġinarju) u 5 (Prodotti li għalihom japplika s-subparagrafu (b) tad-Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-Artikolu 5 fir-rigward tal-prodotti oriġinarji mill-Kolombja, l-Ekwador u l-Perù) għall-Anness II (Fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodott oriġinarju" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva) għall-Ftehim bħalissa huma bbażati fuq in-nomenklatura skont il-verżjonijiet tal-2012 u tal-2017 tas-Sistema Armonizzata ("SA") irregolata mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni ta' Merkanzija ([2]), kif emendata.

(3) Fl-1 ta' Jannar 2022 saru ċerti emendi għas-SA. Għalhekk, il-Partijiet għall-Ftehim qablu li jaġġornaw l-Appendiċijiet 2, 2A u 5 biex jirriflettu l-verżjoni tal-2022 tas-SA ("SA 2022").

(4) L-Appendiċijiet 2, 2A u 5 tal-Anness II tal-Ftehim għandhom jiġu modifikati biex jirriflettu l-bidliet fil-kliem tal-kapitoli, l-intestaturi jew is-subintestaturi tas-SA 2022, u sabiex jikkoreġu żbalji żgħar bħal żbalji ortografiċi u stili ta' abbozzar skorretti f'dawn l-Appendiċijiet.

(5) Il-bidliet fl-Appendiċi 2 sabiex titqies is-SA 2022 jikkonċernaw ukoll ir-regoli speċifiċi għall-prodott għall-intestaturi SA 1601, 1602, 2404, 3006, 3816, 3822, 3827, 8479, 8524, 8529, 8539, 8541, 8548, 8549, 8806 u 9021. Għal dawk l-intestaturi, li issa jinkludu prodotti minn intestaturi oħra minħabba l-bidliet fis-SA, ir-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott jenħtieġ li jiġu modifikati biex ir-regoli jinżammu kif inhuma għall-prodotti li se jimxu għal dawk l-intestaturi tas-SA.

(6) Il-bidliet fl-Appendiċi 5 jikkonċernaw l-aġġornament tad-deskrizzjoni u tal-kodiċijiet ta' ċerti prodotti taħt l-intestaturi 0303, 0307 u 1605 għall-aħħar verżjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-UE u tal-kodiċijiet TARIC.

(7) Għalhekk jenħtieġ li l-Appendiċijiet 2, 2A u 5 tal-Anness II tal-Ftehim jiġu mmodifikati. Dawk il-modifiki ma jikkostitwux bidliet sostantivi fir-regoli tal-oriġini nnegozjati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Appendiċi 2 tal-Anness II tal-Ftehim li fih il-lista ta' xogħol jew ipproċessar li huwa meħtieġ li jsir fuq materjali li mhumiex oriġinarji biex il-prodott manifatturat jikseb status oriġinarju huwa sostitwit bl-Appendiċi 2 li jinsab fl-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU UE L 354, 21.12.2012, p. 3.
([2]) ĠU UE L 198, 20.7.1987, p. 3.

Artikolu 2

L-Appendiċi 2A tal-Anness II tal-Ftehim li fih l-Addendum għal-lista ta' xogħol jew ipproċessar li huwa meħtieġ li jsir fuq materjali li mhumiex oriġinarji biex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb status oriġinarju huwa sostitwit bl-Appendiċi 2A li jinsab fl-Anness 2 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

L-Appendiċi 5 tal-Anness II tal-Ftehim li fih il-lista ta' prodotti li għalihom japplika s-subparagrafu (b) tad-Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-Artikolu 5 fir-rigward tal-prodotti oriġinarji mill-Kolombja, l-Ekwador u l-Perù huwa sostitwit bl-Appendiċi 5 li jinsab fl-Anness 3 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi… [60 jum mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni].

Magħmul fi …, …

Għall-Kumitat għall-Kummerċ,

Għall-Parti tal-Kolombja,

Għall-Parti tal-Peru,

Għall-Parti tal-Ekwador,

Għall-Parti tal-UE,

ANNESS 1

“Appendiċi 2

LISTA TAX-XOGĦOL JEW TAL-IPPROĊESSAR MEĦTIEĠ LI JSIR FUQ MATERJALI MHUX ORIĠINARJI SABIEX IL-PRODOTT MANIFATTURAT IKUN JISTA’ JIKSEB STATUS ORIĠINARJU

Jista’ jkun li mhux il-prodotti kollha elenkati f’din il-lista huma koperti minn dak il-Ftehim. Għalhekk huwa neċessarju li jiġu kkonsultati l-partijiet l-oħra ta’ dan il-Ftehim.

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
Kapitolu 01	Annimali ħajjin	L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 għandhom jinkisbu għalkollox	
Kapitolu 02	Laħam u ġewwieni tal-laħam li jittiekel	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitoli 1 u 2 li jintużaw ikunu miksuba għalkollox	
Kapitolu 03	Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati jkunu nkisbu għalkollox	
ex Kapitolu 04	Prodotti tal-ħalib; bajd tal-għasafar; għasel naturali; prodotti tajbin għall-ikel ġejjin mill-annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra; Għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jkunu nkisbu għalkollox	
0403	Jogurt; xorrox tal-butir, baqta u krema, kefir u ħalib u krema oħrajn fermentati jew aċidifikati, kemm jekk ikkonċentrati jew biz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud jew imħawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw u kemm jekk le	Manifattura fejn: – il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jkunu miksuba għalkollox, u – il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
ex Kapitolu 05	Prodotti ġejjin mill-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 5 użati jkunu nkisbu għalkollox [1]	
ex 0502	Lanżit u xagħar tal-ħnieżer, tal-majjali tas-simna jew taċ-ċingjali preparati;	Tindif, diżinfettar, issortjar u llixxjar ta' lanżit u xagħar	
Kapitolu 06	Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u faxxina ornamentali	Il-prodotti kollha tal-Kapitolu 6 għandhom jinkisbu għalkollox	
Kapitolu 07	Ħaxix u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 7 użati jkunu nkisbu għalkollox	
Kapitolu 08	Frott u ġewż tajbin għall-ikel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ	Manifattura fejn: – il-materjali kollha tal-Kapitolu 8 użati jkunu miksuba għalkollox; u – il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 09	Kafè, te, matè u ħwawar għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
0901	Kafè, kemm jekk inkaljat jew dekafeinat u kemm jekk le; ħliefa u qxur tal-kafè; sostituti tal-kafè li jkun fihom kafè fi kwalunkwe proporzjon	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 9 użati jkunu nkisbu għalkollox [2]	
Kapitolu 10	Ċereali	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 10 użati jkunu nkisbu għalkollox	

[1] Fil-każ ta' prodotti tal-intestatura 0504, tapplika r-regola tal-Artikolu 5(1)(c).
[2] Ara n-Nota 1 tal-Appendiċi 2A.

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
ex Kapitolu 11	Prodotti tal-industrija tat-tħin; malt; lamti; inulina; glutina tal-qamħ; għajr:	Manifattura fejn il-veġetali kollha li jittieklu, l-għeruq u t-tuberi tal-Kapitolu 7, il-frott tal-Kapitolu 8 u ċ-ċereali tal-Kapitolu 10 jinkisbu kompletament.	
1101	Dqiq tal-qamħ	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott	
ex 1102	Dqiq tal-qamħirrum	Manifattura: – minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, u – fejn il-piż tal-qamħirrum abjad tal-intestatura 1005 użat ma jaqbiżx il-50 % tal-piż totali tal-prodott	
ex 1106	Dqiqijiet, tħin oħxon u trab tal-ħxejjex leguminużi mnixxfin tal-intestatura 0713	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott	
ex 1108	Lamtu tal-qamħirrum	Manifattura: – minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, u – fejn il-piż tal-qamħirrum isfar tal-intestatura 1005 użat ma jaqbiżx l-20 % tal-piż totali tal-prodott	
Kapitolu 12	Żrieragħ u frott żejtnin; diversi ħabb, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u foraġġ	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 12 użati jkunu nkisbu għalkollox	

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
1301	Gommalakka; gomom naturali, rażi, rażi tal-gomma u oleorażi (eż. il-balzmi)	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha tal-intestatura 1301 użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
1302	Meraq u estratti veġetali; sustanzi tal-pektin, pektinati u pektati; agar-agar u muċilaġni u materjali li jħaxxnu oħrajn, kemm jekk modifikati u kemm jekk le, derivati minn prodotti veġetali:		
	– Muċilaġni u sustanzi li jgħaqqdu, nmodifikati, li jinkisbu minn prodotti tal-ħxejjex	Manifattura minn muċilaġnijiet u sustanzi li jħaxxnu mhux modifikati	
	– Sustanzi tal-pektin, pektinati u pektati	Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
	– Oħrajn	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott	Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
Kapitolu 14	Materjal tad-dfir veġetali; Prodotti veġetali li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 14 użati jkunu nkisbu għalkollox	
ex Kapitolu 15	xaħmijiet u żjut tal-annimali, veġetali jew mikrobjali u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xemgħat tal-annimali jew veġetali; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott	
1507 sa 1508	Żejt tas-soja, żejt tal-karawett u l-frazzjonijiet tagħhom, iżda mhux modifikati kimikament	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott [3]	

[3] Ara n-Nota 2 tal-Appendiċi 2A.

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
1509 sa 1511	Żejt taż-żebbuġ, żjut oħra miksuba biss miż-żebbuġ, żejt tal-palm u l-frazzjonijiet tagħhom, iżda mhux kimikament modifikati	Manifattura fejn il-materjali veġetali kollha użati jkunu nkisbu għalkollox	
1512 sa 1515	Żerriegħa tal-ġirasol, għosfor jew żerriegħa tal-qoton, ġewż tal-indi (kopra), ġewża tal-palma, babassu, rapa, kolza, mustarda, xaħmijiet u żjut veġetali jew mikrobjali oħra fissi (inkluż iż-żejt tal-jojoba) u l-frazzjonijiet tagħhom, iżda mhux kimikament modifikati	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott ([4])	
1516	Xaħmijiet u żjut tal-annimali, veġetali jew mikrobiċi u frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew kompletament idroġenati, esterifikati bejniethom, riesterifikati jew elajdinizzati, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux ippreparati mod ieħor	Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott ([5])	
1517	Marġerina; taħlitiet jew preparati tajbin għall-ikel tax-xaħmijiet jew taż-żjut tal-annimali, veġetali jew mikrobiċi jew tal-frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut differenti ta' dan il-Kapitolu, għajr ix-xaħmijiet u żjut tajbin għall-ikel jew il-frazzjonijiet tagħhom tal-intestatura 1516	Manifattura fejn: – tal-inqas 40 % bħala piż tal-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati huma oriġinarji, u – fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott ([6])	
ex Kapitolu 16	Preparati ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn, jew ta' insetti għajr:	Manifattura: – mill-annimali tal-Kapitolu 1, u – fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati jkunu nkisbu għalkollox	

([4]) Ara n-Nota 2 tal-Appendiċi 2A.
([5]) Ara n-Nota 2 tal-Appendiċi 2A.
([6]) Ara n-Nota 2 tal-Appendiċi 2A.

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
ex 1601 sa ex 1602	Zalzett u prodotti simili; preparati tal-ikel; preparati omoġenizzati, prodotti oħrajn ippreparati jew ippreservati, ta' insetti	Manifattura fejn l-insetti tal-Kapitoli 1 u 4 li jintużaw ikunu miksuba għalkollox	
ex Kapitolu 17	Zokkrijiet u ħlewwiet taz-zokkor; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe kapitolu ieħor, għajr dik tal-prodott;	
1702	Zokkrijiet oħra, inkluż lattożju, maltożju, glukożju u fruttożju kimikament puri, fil-forma solida; il-ġuleppijiet taz-zokkor mingħajr aromatizzanti jew koloranti miżjuda; għasel artifiċjali, kemm jekk imħallat ma' għasel naturali u kemm jekk le; karamella	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe kapitolu ieħor, ħlief dak tal-prodott u l-Kapitolu 11	
1704	Ħlewwiet taz-zokkor (inkluż ċikkulata bajda) li ma fihomx kawkaw	Manifattura: – minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, u – fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 18	Kawkaw u preparati tal-kawkaw; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 18 użati jkunu nkisbu għalkollox	
1803 sa 1805	Paste tal-kawkaw, kemm jekk bix-xaħam imneħħi u kemm jekk le; butir, xaħam u żejt tal-kawkaw; trab tal-kawkaw, li ma jkunx fih iz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud	Manifattura: – minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, u	

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
		– fejn il-piż tal-kakaw tal-intestaturi 1801 u 1802 użati ma jaqbżux il-50 % tal-piż totali tal-prodott ([7])	
1806	Ċikkulata u preparati oħrajn tal-ikel li fihom il-kawkaw	Manifattura: – minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, u – fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx il-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
1901	Estratt tal-malt; preparati tal-ikel tad-dqiq, tal-ħbub imfesdqin, tal-grixa, tal-lamtu jew tal-estratt tal-malt, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 40 % skont il-piż ta' kawkaw ikkalkulat fuq bażi bix-xaħam imneħħi totalment, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra; preparati tal-ikel tal-oġġetti tal-intestaturi 0401 sa 0404, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 5 % ta' kawkaw skont il-piż ikkalkulat fuq bażi bix-xaħam imneħħi totalment, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra		
	– Estratt tal-malt	Manifattura miċ-ċereali tal-Kapitolu 10	
	– 'Dulce de leche' ('arequipe' jew 'manjar blanco')	Manifattura: – minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, u – fejn il-piż tal-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx il-50 % tal-piż totali tal-prodott	

([7]) Ara n-Nota 3 tal-Appendiċi 2A.

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
	– Preparati oħra tal-ħalib li fihom aktar minn 10 % bil-piż ta' sustanzi solidi tal-ħalib	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott	
	– Oħrajn	Manifattura: – minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, u – fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
1902	Għaġin, kemm jekk imsajjar jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħrajn) u kemm jekk le jew ippreparat mod ieħor, bħal eż. spagetti, imqarrun, noodles, lażanja, injokki, ravjul, kannelloni; kuskus, ippreparat jew le:		
	– Li fihom 20 % jew anqas skont il-piż ta' laħam, ġewwieni tal-laħam, ħut, krustaċji jew molluski	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 11 użati jkunu joriġinaw. Iżda jista' jintuża l-qamħ durum u d-derivattivi tiegħu tal-Kapitolu 11	
	– Li fihom aktar minn 20 % skont il-piż ta' laħam, ġewwieni tal-laħam, krustaċji jew molluski	Manifattura fejn: – il-materjali kollha tal-Kapitolu 11 użati huma oriġinarji. Iżda jista' jintuża l-qamħ durum u d-derivattivi tiegħu tal-Kapitolu 11, u – il-materjali kollha tal-Kapitoli 2 u 3 użati jkunu nkisbu għalkollox	
1903	Tapjoka u s-sostituti tagħha ppreparati mil-lamtu, f'forma ta' fjokki, ħbub, perli, tnaqqijiet jew forom simili	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr lamtu tal-patata tal-intestatura 1108	

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
1904	Ikel ippreparat miksub min-nefħa jew mill-inkaljar taċ-ċereali jew tal-prodotti taċ-ċereali (eż. corn flakes); ċereali (għajr qamħirrum (qamħ)) fil-forma ta' ħbub jew fil-forma ta' fjokki jew ħbub ieħor maħdum (ħlief dqiq, ħbub imfesdaq u grixa), imsajrin minn qabel jew ippreparati mod ieħor, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra	Manifattura: – minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dawk tal-intestatura 1806, – fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 11 użati huma oriġinarji. Iżda, jistgħu jintużaw il-qamħ durum u qamħirrum tat-tip Zea indurata u d-derivattivi tagħhom tal-Kapitolu 11, u – fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx il-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
1905	Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u prodotti oħrajn tal-furnara, kemm jekk fihom il-kawkaw u kemm jekk le; ostji tat-tqarbin, cachets vojta li huma adattati għall-użu farmaċewtiku, wafers tas-siġill, karta tar-ross u prodotti simili	Manifattura: – minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dawk tal-Kapitolu 11, u – fejn it-taħlitiet u l-għeġejjen għall-preparazzjoni tal-prodotti tal-furnara kklassifikati fl-intestatura 1901 ma jaqbżux 20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 20	Preparati ta' ħaxix, frott, ġewż jew partijiet oħrajn tal-pjanti; għajr:	Manifattura fejn il-ħxejjex kollha, il-frott u l-ġewż tal-Kapitoli 7 u 8 użati jinkisbu kompletament	
ex 2001	Yams, patata ħelwa u partijiet simili ta' pjanti li jittieklu li jinkludu 5 % jew aktar f'piż ta' lamtu, ippreparati jew ippreservati fil-ħall jew aċidu aċetiku	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott	
2006	Ħaxix, frott, ġewż, qoxra tal-frott u partijiet oħrajn tal-pjanti, ippreservati biz-zokkor (imqattra, glacé jew kristallizzati)	Manifattura fejn: – il-piż tal-materjali kollha tal-Kapitolu 7 u 8 użati ma jaqbiżx il-50 % tal-piż totali tal-prodott, u	

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
		– il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
2007	Ġammijiet, jellies tal-frott, marmellati, purée tal-frott jew tal-ġewż u pastes tal-frott u tal-ġewż, miksubin bit-tisjir, kemm jekk fihom iz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud u kemm jekk le	Manifattura fejn: – il-piż tal-materjali kollha tal-Kapitolu 7 u 8 użati ma jaqbiżx 50 % tal-piż totali tal-prodott, u – il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex 2008	Frott, ġewż u partijiet oħrajn tal-pjanti tajbin għall-ikel, ippreparati jew ippreservati mod ieħor, kemm jekk fihom iz-zokkor jew dolċifikant ieħor jew spirtu miżjud u kemm jekk le, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra, għajr għal	Manifattura fejn: – il-piż tal-materjali kollha tal-Kapitolu 7 u 8 użati ma jaqbiżx il-50 % tal-piż totali tal-prodott, u – il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
	– Ġewż mingħajr zokkor jew spirti miżjuda	Manifattura fejn il-valur tal-ġewż u ż-żrieragħ taż-żejt kollha tal-intestaturi 0801, 0802 u 1202 sa 1207 li ntużaw ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
	– Butir tal-karawett; taħlitiet ibbażati fuq ċereali; qamħirrum (qamħ)	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott	

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/602/oj

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
	– Qlub tal-palm	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 12 użati jkunu nkisbu għalkollox	
2009	Meraq tal-frott jew tal-ġewż (inkluż il-most tal-għeneb u l-ilma tal-ġewż tal-Indi) u l-meraq tal-ħaxix, mhux iffermentat u li ma fihx spirtu miżjud, kemm jekk fih iz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud u kemm jekk le	Manifattura: – minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott – il-piż tal-materjali kollha tal-Kapitolu 7 u 8 użati ma jaqbiżx il-50 % tal-piż totali tal-prodott, u – fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx il-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 21	Preparati diversi tajbin għall-ikel; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott	
2103	Zlazi u preparati tagħhom; kondimenti mħalltin u taħwir tal-ikel imħallat; dqiq u grixa tal-mustarda u mustarda ppreparata		
	– Zlazi u preparati tagħhom; kondimenti mħalltin u taħwir tal-ikel imħallat;	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw dqiq u grixa tal-mustarda u mustarda ppreparata	
	– Dqiq u grixa tal-mustarda u mustarda ppreparata	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
ex 2104	Sopop u brodi u preparati tagħhom	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra ħxejjex ippreparati jew ippriżervati tal-intestaturi 2002 sa 2005	
2105	Ġelati u silġ ieħor tajjeb għall-ikel, kemm jekk ikun fihom il-kawkaw u kemm jekk le	Manifattura fejn il-piż tal-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx il-50 % tal-piż totali tal-prodott	
2106	– Preparati tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra, għajr għall-ġuleppijiet taz-zokkor u preparati taz-zokkor f'pakketti akbar minn 2 kilogrammi, mhux għal bejgħ bl-imnuta	Manifattura: – minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, u – fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx il-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
	– Ġuleppijiet taz-zokkor u preparati taz-zokkor f'pakketti akbar minn 2 kilogrammi, mhux għal bejgħ bl-imnut	Manifattura: – minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, u – fejn il-materjali kollha tal-intestatura 1701 u 1702 użati huma miksuba kompletament.	
ex Kapitolu 22	Xarbiet, spirti u ħall; għajr:	Manifattura: – minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, u – fejn l-għeneb jew il-materjali użati dderivati mill-għeneb kollha jinkisbu għalkollox	

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
2202	Ilmijiet, inkluż ilmijiet minerali u ilmijiet aerati, biz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud jew aromatizzati, u xarbiet oħrajn mhux alkoħoliċi, eskluż il-meraq tal-frott jew tal-ħaxix tal-intestatura 2009	Manifattura: – minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, – fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx il-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott, u – fejn il-materjali kollha tal-intestatura 0401 sa 0406 użati huma miksuba kompletament	
2207	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'qawwa alkoħolika skont il-volum ta' 80 % vol jew iktar; alkoħol etiliku u spirti oħrajn, żnaturati, ta' kwalunkwe qawwa	Manifattura: – minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dawk tal-intestatura 1703, 2207 jew 2208, u – fejn l-għeneb jew il-materjali użati dderivati mill-għeneb kollha jinkisbu għalkollox	
2208	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'qawwa alkoħolika skont il-volum ta' inqas minn 80 % vol; spirti, likuri u xarbiet oħra spiritużi	Manifattura: – minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dawk tal-intestatura 2207 jew 2208, u – fejn l-għeneb jew il-materjali użati dderivati mill-għeneb kollha jinkisbu għalkollox	
ex Kapitolu 23	Residwi u skart mill-industrija tal-ikel; forraġġ tal-annimali ppreparat; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott	
ex 2301	Laħam tal-baleni; dqiq, frakass jew pellets tal-ħut jew tal-krustaċji, tal-molluski jew ta' invertebrati akkwatiċi oħrajn, mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitoli 2 u 3 użati jkunu nkisbu għalkollox	

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
ex 2303	Residwi mill-manifattura tal-lamtu mill-qamħirrum (ħlief il-likuri kkonċentrati mit-tixrib) b'kontenut ta' proteini, ikkalkulat fuq il-prodott niexef, li jaqbżu l-40 % f'piż.	Manifattura fejn il-qamħirrun kollu użat irid ikun miksub għalkollox	
2304	Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-fażola tas-sojja	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dawk tal-intestaturi 1201, 1204, 1205, 1206 u 1207	
2306	Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' xaħmijiet u żjut veġetali jew mikrobiċi, għajr dawk tal-intestatura 2304 jew 2305:		
	– Għalf tal-bhejjem u fdalijiet solidi oħra li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa, li fihom aktar minn 3 % f'piż ta' żejt taż-żebbuġa	Manifattura fejn iż-żebbuġ kollu tal-Kapitolu 7 użati jkunu nkisbu għalkollox	
	– Oħrajn	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dawk tal-intestaturi 1201, 1204, 1205, 1206 u 1207	
2309	Preparati li jintużaw fl-għalf tal-annimali	Manifattura fejn: – il-piż tal-materjali kollha tal-intestatura 1006, Kapitolu 11 u l-intestaturi 2302 u 2303 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż totali tal-prodott, – iz-zokkor, il-melassa jew il-ħalib, kollha, użati, huma oriġinarji, u – il-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati jkunu miksuba għalkollox	

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/602/oj

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
ex Kapitolu 24	It-tabakk u s-sostituti tat-tabakk manifatturati; prodotti, kemm jekk ikun fihom in-nikotina u kemm jekk le, maħsuba għall-inalazzjoni mingħajr kombustjoni; prodotti oħra li fihom in-nikotina maħsuba għat-teħid tan-nikotina minn ġisem il-bniedem; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 24 użati jkunu nkisbu għalkollox	
2402	Sigarri, cheroots, cigarillos u sigaretti, tat-tabakk jew tas-sostituti tat-tabakk	Manifattura fejn tal-anqas 70 % bil-piż tat-tabakk użat mhux manifatturat jew l-iskart tat-tabakk tal-intestatura 2401 użat huwa oriġinarju	
ex 2403	Tabakk tat-tipjip	Manifattura fejn tal-anqas 70 % bil-piż tat-tabakk użat mhux manifatturat jew l-iskart tat-tabakk tal-intestatura 2401 użat huwa oriġinarju	
2404.11	Prodotti maħsuba biex jinġibdu man-nifs mingħajr kombustjoni li jkun fihom it-tabakk jew it-tabakk rikostitwit	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 24 użati jkunu nkisbu għalkollox	
2404.12	Il-prodotti maħsubin għall-inalazzjoni mingħajr kombustjoni	Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
2404.19	Prodotti maħsubin għall-inalazzjoni mingħajr kombustjoni: – sostituti tat-tabakk – oħrajn	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 24 użati jkunu nkisbu għalkollox Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
2404.91	Prodotti oħra li fihom in-nikotina maħsuba għat-teħid tan-nikotina minn ġisem il-bniedem għall-applikazzjoni orali	Manifattura – minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, u – fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
2404.92	Prodotti oħra li fihom in-nikotina maħsuba għat-teħid tan-nikotina minn ġisem il-bniedem għall-applikazzjoni transdermali	Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
2404.99	Prodotti li fihom in-nikotina maħsuba għat-teħid tan-nikotina fil-ġisem uman għal applikazzjoni transdermali	Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 25	Melħ; kubrit; materjali tal-art u ġebel; materjali tat-tikħil, ġir u siment, ħlief għal:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott	
ex 2504	Grafit Kristallin naturali, b'kontenut ta' karbonju arrikkit, purifikat u miṫħun	Arrikkiment tal-kontenut tal-karbonju, purifikazzjoni u ṫħin ta' grafit kristallin mhux raffinat	
ex 2515	Irħam, sempliċiment maqtugħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokki jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari, bi ħxuna li ma taqbiżx il-25 cm	Qtugħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, ta' rħam (anki jekk diġsa ssegat), bi ħxuna li taqbeż il-25 cm	
ex 2516	Granit, porfirju, bażalt, ġebla ramlija u ġebel ieħor monumentali jew tal-bini, sempliċement maqtugħ, bl-isserrar jew b'mod ieħor, fi blokki jew folji ta' forma rettangolari (inklużi kwadrati), ta' ħxuna li ma taqbiżx 25 cm	Qtugħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, ta' ġebel (anki jekk diġsa ssegat), bi ħxuna li taqbeż il-25 cm	

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
ex 2518	Dolomit magħmul ġir	Riduzzjoni ta' dolomit mhux maħdum f'ġir	
ex 2519	Karbonat tal-manjeżju naturali mfarrak (manjeżit), u mqiegħed f'reċipjenti ermetiċi u ossidu tal-manjeżju, kemm jekk pur u kemm jekk le, għajr il-manjeżja fuża jew il-maneżja maħruqa għalkollox (sinterizzata)	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jista' jintuża l-karbonat tal-manjeżju naturali (manjeżit)	
ex 2520	Ġibs ippreparat apposta għal użu fid-dentistrija	Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex 2524	Fibri naturali tal-asbestos	Manifattura minn konċentrat tal-asbestos	
ex 2525	Trab tal-majka	Ħin tal-majka jew skart tal-majka	
ex 2530	Kuluri tal-art, magħmul ġir jew trab	Riduzzjoni f'ġir jew ħin ta' kuluri tal-art	
Kapitolu 26	Minerali mhux maħduma, gagazza u rmied	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott	
ex Kapitolu 27	Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti tad-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xemgħat minerali; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott	

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
ex 2707	Żjut fejn il-piż tal-kostitwenti aromatiċi jaqbeż dak tal-kostitwenti mhux aromatiċi, li huma żjut simili għal żjut minerali miksubin mid-distillazzjoni tal-qatran tal-faħam f'temperatura għolja, li aktar minn 65 % skont il-volum jiddistilla f'temperatura li tasal sa 250 °C (inkluż it-taħlitiet tal-ispirtu tal-petroleum u l-benżol), għall-użu bħala fjuwils għall-enerġija jew għas-sħana	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ([8]) jew Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex 2709	Żjut miksubin minn minerali bituminużi	Distillazzjoni distruttiva ta' minerali bituminużi	
2710	Żjut tal-petroleum u ż-żjut miksubin mill-minerali bituminużi, għajr dawk grezz; preparati li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra, li fihom skont il-piż 70 % jew iktar żjut tal-petroleum jew żjut miksubin mill-minerali bituminużi, meta dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal-preparati; iż-żjut skartati	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ([9]) jew Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
2711	Gassijiet tal-petroleum u idrokarburi gassużi oħrajn	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ([10]) jew	

([8]) Għall-kundizzjonijiet speċjali relatati ma' 'proċessi speċifiċi', ara n-Noti Introduttorji 7.1 u 7.3.
([9]) Għall-kundizzjonijiet speċjali li jirrigwardaw 'proċessi speċifiċi' ara n-Noti Introduttorji 7.2.
([10]) Għall-kundizzjonijiet speċjali li jirrigwardaw 'proċessi speċifiċi' ara n-Noti Introduttorji 7.2.

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/602/oj

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
		Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
2712	Jelly tal-petroleum; xema' bajda, xema' tal-petroleum mikrokristallina, slack wax, ożoċerit, xema' tal-linjite, xema' tal-peat, xemgħat oħrajn minerali, u prodotti simili miksubin b'sinteżi jew bi proċessi oħrajn, kemm jekk ikkuluriti u kemm jekk le	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar (11) jew Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
2713	Kokk tal-petroleum, bitum tal-petroleum u residwi oħrajn taż-żjut tal-petroleum jew taż-żjut miksubin mill-minerali bituminużi	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar (12) jew Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
2714	Bitum u asfalt, naturali; 'shale' tal-qatran jew taż-żejt u ramel taż-żift asfaltiti u blat tal-asfalt	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar (13) jew	

(11) Għall-kundizzjonijiet speċjali li jirrigwardaw 'proċessi speċifiċi' ara n-Noti Introduttorji 7.2.
(12) Għall-kundizzjonijiet speċjali relatati ma' 'proċessi speċifiċi', ara n-Noti Introduttorji 7.1 u 7.3.
(13) Għall-kundizzjonijiet speċjali relatati ma' 'proċessi speċifiċi', ara n-Noti Introduttorji 7.1 u 7.3.

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
		Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
2715	Taħlitiet bituminużi bbażati fuq l-asfalt naturali, fuq il-bitum naturali, fuq il-bitum tal-petroleum, fuq il-qatran minerali jew fuq iż-żift tal-qatran minerali (eż. il-mastiċi bituminużi, il-cut-backs)	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar [14] jew Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 28	Sustanzi kimiċi inorganiċi; komposti organiċi jew inorganiċi ta' metalli prezzjużi, ta' metalli tal-art rari, ta' elementi radjuattivi jew ta' isotopi, għajr għal:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex 2805	'Mischmetall'	Manifattura bit-trattament elettrolittiku jew termali fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex 2811	Triossidu tal-kubrit	Manifattura mid-diossidu tal-kubrit	Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott

[14] Għall-kundizzjonijiet speċjali relatati ma' 'proċessi speċifiċi', ara n-Noti Introduttorji 7.1 u 7.3.

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
ex 2833	Sulfat tal-aluminju	Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex 2840	Perborat tas-sodju	Manifattura mill-pentaidrat tetraborat tad-disodju	Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex 2852	– Komposti tal-merkurju ta' eteri interni u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Iżda l-valur tal-materjali kollha tal-intestatura 2909 użati ma għandhomx jaqbżu l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
	– Kompost tal-merkurju ta'aċidi nuklejċi u l-imlieħ tagħhom, kemm jekk definiti kimikament u kemm jekk le; komposti eteroċikliċi tal-merkurju oħrajn	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura Madankollu, il-valur tal-materjali kollha tal-intestaturi 2852, 2932, 2933 u 2934 użati ma għandux jaqbeż l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
	– Albumini, albuminati u derivattivi oħrajn ta' albumina, b'komposti tal-merkurju	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott; Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
	– Prodotti u preparati kimiċi oħrajn tal-industriji kimiċi jew industriji konnessi (inkluż dawk li jikkonsistu f'taħlitiet ta' prodotti naturali), mhux speċifikati jew inklużi banda oħra, li fihom il-komposti tal-merkurju	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
ex Kapitolu 29	Sustanzi kimiċi organiċi; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex 2901	Idrokarburi aċikliċi għall-użu bħala fjuwils għall-enerġija jew għas-sħana	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ([15]) jew Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex 2902	Ċiklani u ċikleni (għajr użuleni), benżen, toluwen, ksileni għall-użu bħala fjuwils għall-enerġija jew għas-sħana	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ([16]) jew Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	
ex 2905	Alkoħolati metalliċi tal-alkoħols ta' din l-intestatura u tal-etanol	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inkluż materjali oħra tal-intestatura 2905. Iżda jistgħu jintużaw alkoħolati metalliċi ta' din l-intestatura, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott

([15]) Għall-kundizzjonijiet speċjali relatati ma' 'proċessi speċifiċi', ara n-Noti Introduttorji 7.1 u 7.3.
([16]) Għall-kundizzjonijiet speċjali relatati ma' 'proċessi speċifiċi', ara n-Noti Introduttorji 7.1 u 7.3.

L-intestatura SA 2022	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status oriġinarju	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
